**Laqgha Numru 18/K5/2007**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Ray Pace baghat e-mail fejn talab li jkun skuzat minhabba li huwa ndispost filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkomunikat mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ftit qabel bdiet il-laqgha biex titlob li tkun skuzata minhabba li kienet ukoll indisposta.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-13 ta' Novembru 2007. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K5/2007.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K5/2007.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K5/2007.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 17/K5/2007 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K5/2007.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti 17/K5/2007 is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta **Internal Memo 81/2007** b'rapport ta' kemm swiet finanzjarjament lill-Kunsill il-photocopier minn meta nxtrat **( Ara dokument A )**; **Internal Memo 82/2007** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghall-provvista ta' 1,000 baskett tax-xoqqa, 1,000 kalendarju u 1,000 ingravata bil-logo tal-Kunsill fuqhom **( Ara dokument B ); Internal Memo 83/2007** b'rapport ta' l-azzjonijiet li ttiehdu bejn laqgha riferenza 17/K5/2007 u laqgha riferenza 18/K5/2007 **( Ara dokument C ); Internal Memo 84/2007** b'rapport tal-laqghat li saru bejn is-16 t'Ottubru u d-19 ta' Novembru 2007 **( Ara dokument D );** kopja ta' flyer li ser jitqassam fid-djar rigward l-attivitajiet tal-Milied. **( Ara dokument E );** Kopja riveduta tal-Merhba signs **( Ara dokument F );** Flyers sportivi li ser jitqassmu **( Ara dokument G u H );**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos prezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn qal li ma kellux x'izid maghhom. Il-kelliem ghamel riferenza ghall-Internal Memo 84/2007 b'rapport tal-laqghat li saru f'dawn l-ahhar gimghat.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-29 t'Ottubru u d-19 ta' Novembru 2007 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/5371/07/I 30/10/2007 — Kwotazzjoni minghand il-Kumpanija Ultimate ghal Sony ICD-P520 voice recorder ghall-prezz ta' Lm39.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5371/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtara dan il-voice recorder.

6.03. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5374/07/I 30/10/2007 — E-mail minghand is-Sur Gennaro Brincat, resident minn Pembroke fejn informa lill-Kunsill li regghu bdew jinbnew l-imnasab bejn Triq il-Mediterran u l-bahar.

46/5479/07/I 05/11/2007 — E-mail minghand is-Sur Aron Tanti fejn baghat kopja t'e-mail li baghat lill-MEPA rigward l-imnasab li qed ikun hemm fix-xaghri ta' Pembroke u

li qed jaghmlu hsara lill-pjanti li hemm.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5374/07/I u 46/5479/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kelliem qal li jispera li l-awtoritajiet koncernati jiehdu l-passi kollha necessarji skond il-ligi. Il-kelliem qal li huwa personalment kien kellem lil dawn in-nies u risposta taghhom kienet t'Avukat ghax qalulu "hawn mhux tal-Kunsill imma tal-Gvern u tad-Dipartiment ta' l-Art. Jekk iridu inehhuna jigu huma u mhux tal-Kunsill. Intom m'ghandkomx poter Civili biex taghmlu dan". Is-Sindku Joe Zammit fakkar li meta l-Kunsill snin ilu kien nehha l-imnasab kellu l-appogg tal-Pulizija, l-Armata u tas-Segretarju Parlamentari Karmenu Mifsud Bonnici kif ukoll t'ufficjali mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

46/5391/07/I 31/10/2007 Ittra minghand is-Sur Charles Mamo li joqghod 187, Triq Manwel Buhagiar fejn informa lill-Kunsill li huwa ma jsibx oggezzjoni li titwahhal lampa mar-residenza tieghu bil-kundizzjoni li ma ssirx hsara lill-faccata tar-residenza tieghu.

46/5477/07/I 05/11/2007 E-mail minghand is-Sur John O'Dea minn NHDJC fejn informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta qed taghti permess lill-Kunsilli sabiex jinstallaw lampi fuq arbli ta' l-Enemalta u l-Kunsill jiehu d-devoluzzjoni ta' l-istess arblu.

46/5485/07/I 05/11/2007 E-mail minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-e-mail li l-Kunsill ircieva minghand in-NHDJC, talbet lill-Kunsill sabiex titwahhal lampa quddiem ir-residenza taghha.

46/5606/07/I 12/11/2007 E-mail minghand is-Sinjura Natalie Chetcuti li toqghod plot 190, Triq Luigi Rosato fejn issuggerit lill-Kunsill li l-bozza li giet proposta li titwahhal mal-faccata taghha ghanda tigi mwahhla fuq arblu li hemm fil-kantuniera tat-triq.

46/5607/07/I 12/11/2007 E-mail minghand is-Sur Philip Grech li joqghod plot 191, Triq Manwel Buhagiar fejn baghat l-oggezzjoni tieghu sabiex titwahhal bozza mal-faccata tar-residenza tieghu u ssuggerixxa li titwahhal ma' arblu li hemm faccata tar-residenza tieghu.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5391/07/I, 46/5477/07/I, 46/5485/07/I, 46/5606/07/I u 46/5607/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara l-kummenti li l-Kunsill kellu fl-ittra tal-ko-ordinatur tal-Kumitat Kongunt tad-dawl (John O'Dea) rigward l-uzu t'arbli biex jehlu lampi maghhom, il-Kunsill ghaldaqstant ghandu jitlob konferma ta' dan minghand il-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-Kunsill ikun jista' jaghmel talbiet simili fuq arbli.

6.07. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5392/07/I 31/10/2007 Ittra minghand is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghat kopja t'ittra li rcievew minghand it-Taqsima tal-Propjeta' tal-Gvern fejn informawhom li d-decizjoni li hadu rigward id-devoluzzjoni tal-parkegg fi Triq il-Profs Walter Ganado hija l-istess bhal dik li baghtu f'ittri precedenti taghhom jigifieri li jirrifjutaw it-talba tal-Kunsill.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5392/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu johrog stqarrija ghall-Istampa li ma jaqbilx ma' dan il-punt tad-Dipartiment minhabba ragunijiet li kien semma l-Kunsill fl-ittri precedenti tieghu. Il-kelliem ippropona wkoll li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lill-AKL.

6.10. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/5397/07/I<br>31/10/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Outlook Coop ghal stampar fuq basktijiet tax-xoqqa b'kulur wiehed ghall-prezz ta' Lm0.35 eskluz il-vat u b'zewg kuluri ghall-prezz ta' Lm0.49 eskluz il-vat. |
| 46/5407/07/I<br>01/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Misprint Promotional Services Ltd. ghal stampar fuq basktijiet tax-xoqqa bi tlett kuluri ghall-prezz ta' Lm0.30 eskluz il-vat u b'erba' kuluri ghall-prezz ta' Lm0.35 eskluz il-vat. |
| 46/5408/07/I<br>01/11/2007 | Kwotazzjoni minghand is-Sur John Pavia ghal stampar fuq basktijiet tax-xoqqa b'kulur wiehed ghall-prezz ta' Lm0.34 eskluz il-vat u bi tlett kuluri ghall-prezz ta' Lm0.59 eskluz il-vat, kif ukoll stampar ta' 1,000 desk calendar ghall-prezz ta' Lm0.23 eskluz il-vat. |
| 46/5424/07/I<br>01/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Perfect Screen Printers ghal stampar fuq basktijiet tax-xoqqa bi tlett kuluri ghall-prezz ta' Lm0.55 eskluz il-vat. |

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5397/07/I, 46/5407/07/I, 46/5408/07/I u 46/5424/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintghazel l-offerta ta' Misprint Promotional Services Limited ghall-prezz ta' Lm 0.35 eskluz il-Vat. Il-kelliem ippropona li jsiru 1,200 basket u fuqhom ghandu jkun hemm indikat id-data ta' meta ser jerga' jinfetah l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li dawn il-basktijiet jitqassmu waqt l-open day li ser issir. Il-kelliem qal li fuq il-basktijiet ser ikun hemm il-logo ta' Volksbank Malta minhabba li ser ikunu sponsors ta' parti mill-ispejjez. **( Ara dokument I )**

6.13. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/5453/07/I<br>02/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija J & R Print ghall-stampar ta' 1,000 desk calendars full colour ghall-prezz ta' Lm195.00 eskluz il-vat u stampar b'zewg kuluri ghall-prezz ta' Lm170.00 eskluz il-vat. |
| 46/5486/07/I<br>05/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Union Print ghal stampar ta' 1,000 desk calendars b'full color ghall-prezz ta' Lm 155.00 eskluz il-vat. |
| 46/5584/07/I<br>09/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Veritas Press ghal stampar ta' 1,000 desk calendars ghall-prezz ta' Lm136.50 inkluz il-vat. |
| 46/5600/07/I<br>12/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Abbey Printers ghal stampar ta' 1,000 desk calendars b'zewg kuluri ghall-prezz ta' Lm 91.50 eskluz il-vat u b'erba' kuluri ghall-prezz ta' Lm 120.00 eskluz il-vat. |
| 46/5684/07/I<br>15/11/2007 | Kwotazzjoni minghand il-Golden Gate ghal stampar ta' 1,000 desk calendars b'erba kuluri ghall-prezz ta' Lm 74.34 inkluz il-vat. |

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5453/07/I, 46/5486/07/I, 46/5584/07/I, 46/5600/07/I u 46/5684/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintghazel l-offerta

ta' Golden Gate Co. Ltd. ghall-prezz ta' Lm 74.34 eskluz il-Vat. Il-kelliem ippropona wkoll li jsiru 1,500 kalendarju.

6.16. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5557/07/I 07/11/2007 — Kwotazzjoni minghand il-Video Palace ghall-screen printing fuq ingravajjet bil-logo tal-Kunsill ghall-prezz ta' Lm 3.00 esluz il-vat ghall-kull ingravata.

46/5598/07/I 12/11/2007 — Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Yorkie Clothing ghal stampar tal-logo tal-Kunsill fuq ingravajjet ghall-prezz ta' Lm 3.25 eskluz il-vat u embroidery fuq l-ingravajjet ghall-prezz ta' Lm 3.45 eskluz il-vat.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5557/07/I u 46/5598/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li decizjoni dwar dan l-item ghandha tittiehed fil-laqgha li jmiss wara li jaghlaq il-perjodu tal-kwotazzjonijiet.

6.19. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5401/07/I 31/10/2007 — E-mail minghand is-Sinjura Marisa Darmanin mill-MEPA fejn talbet sabiex isir komunikat maghha rigward il-progett tal-Gnien ta' San Patrizju.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5401/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara l-konferenza tas-Sindki fejn kien tkellem il-Perit responsabbli minn dawn il-fondi, il-Kunsill ghandu jaghmel uzu minn dawn il-fondi li huma allokati ghal Pembroke ghall-embellishment tal-Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta u Gnien 4 ta' Lulju ghax il-Gnien ta' St. Patrick's ser ikun kollu finanzjat mill-fondi tal-Kunsill.

6.22. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5444/07/I 02/11/2007 — Ittra minghand il-MEPA fejn baghtu kopja ta' l-statement li tlesta mill-MEPA rigward il-PA 6451/04 fi Triq l-Gharbiel.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5444/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5450/07/I 02/11/2007 — Kopja t'ittra li l-Avukat tas-Sur Vincent Mifsud li joqghod 485, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche rcieva minghand l-Avukat tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma fejn informah li l-problema li qed isofri s-Sur Vincent Mifsud mhiex legalment responsabbli tal-Korporazzjoni.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5450/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet intbghatet ittra ufficjali mill-Kunsill lid-Dipartiment tad-Dranagg (WSC) biex almenu issir spezzjoni tal-katusi minhabba dak li qal il-perit tas-Sur Vincent Mifsud.

46/5454/07/I 02/11/2007 — E-mail minghand il-Municipalita' ta' Eleftherio-Kordelio fen qed jistiednu lill-Kunsill sabiex jippartecipa fil-European Training Network of Local Authorites li hija ffinanzjata mill-European Regional Development Fund (ERDF).

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5454/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5458/07/I 02/11/2007 E-mail minghand is-Sinjura Vanessa Gonzi, residenta fi Blokk A6, Flat 10, Triq Pietru Darmenia fejn qed tilmenta rigward resident fil-blokk taghhom li jonxor il-hwejjeg tieghu f'partijiet tal-komun tal-blokk.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5458/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill talab ghal kjarifika mill-Awtorita' tad-Djar dwar jekk hemmx xi forma t'obbligu fuq l-inkwilini rigward dan il-punt. Il-kelliem ippropona li tintbaghat forma ta' cirkulari lil dawn in-nies biex ma jonxrux hwejjeg barra ghax qed ikerhu l-ambjent u l-post qed jinghata dehra ta' kerrejja.

6.28. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5488/07/I 05/11/2007 E-mail minghand l-Ispettur Jeffrey Cilia mis-sezzjoni tas-CID fejn talab laqgha mal-Kunsill ghax-xahar ta' Novembru 2007.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5488/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Ispettur Cilia li m'hemmx fuq x'hiex issir il-laqgha izda jekk tinhass il-htiega ta' laqgha l-quddiem il-Kunsill jikkomunika mieghu dwar dan.

6.31. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5536/07/I 06/11/2007 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat disinn tal-bieb ta' barra ghall-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5536/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5540/07/I 06/11/2007 Ittra minghand is-Sinjura Deborah Pace mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill ghad-devoluzzjoni tat-Torri tal-Madlien, talbet il-Kunsill sabiex jibghat l-ispiza involuta sabiex jigi kkompletat il-progett.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5540/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lil Din l-Art Helwa rigward dan il-progett kif ukoll li d-Dipartiment ghandu jkun infurmat b'dak li huwa ghaddej flimkien mal-program ta' tisbih kif imhejji mill-MTA.

6.35. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5541/07/I 06/11/2007 Kopja t'ittra li s-Sinjura Deborah Pace mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali baghtet reminder lit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern fejn talbet il-kummenti tat-Taqsima rigward il-Gnien ta' San Patrizju.

46/5542/07/I 06/11/2007 Kopja t'ittra li s-Sinjura Deborah Pace mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali baghtet reminder lit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern fejn talbet il-kummenti tat-Taqsima rigward id-Devoluzzjoni ta' kmamar f'Pembroke.

6.37. B'riferenza għall-korrispondenza numri **46/5541/07/I u 46/5542/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5554/07/I 07/11/2007 E-mail minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li flimkien mal-Kummissjoni fuq il-Vjolenza Domestika, il-Faces Dislays u l-Kunsilli Lokali ta' Malta u Ghawdex se titwettaq kampanja kontra l-vjolenza domestika permezz ta' poster li ser jintwera fuq il-bus shelters, b'hekk talbu l-hlas ta' Lm 10.00 lill-Kunsill sabiex jippartecipa f'din il-kampanja.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5554/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu sehem f'din il-kampanja.

6.39. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5556/07/I 07/11/2007 E-mail minghand il-Perit Anton Camilleri mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar fejn baghat kopja ta' Internal Memo minghand il-Perit Robert Grech fejn informah li l-garaxxijiet ta' Sit C huma skond il-pjanti approvati mill-MEPA u li d-drives ghandhom ikunu uzati bhala sistema tal-one-way, b'hekk talab il-Kunsill jekk hux possibbli li jitwahhlu tabelli adekwati.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5556/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb dan il-punt kif ukoll li r-residenti koncernati ghandhom jigu nfurmati b'dan.

6.42. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5561/07/I 08/11/2007 Ittra minghand Cetinje Montenegro fejn baghtu c-certifikati u d-dokumenti tas-Sur Ivan Jankovic li jixtieq li jsib xoghol bhala dentist gewwa Malta.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5561/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan il-materjal ghandu jintbaghat lid-dirigenti ta' l-isptarijiet privati ghall-attenzjoni taghhom kif ukoll lill-Ghaqda tad-dentisti sabiex jekk hawn xi dentist Malti li jixtieq jikkomunika ma' dan is-sinjur ghal xi joint venture ikun jista' jaghmel dan.

6.45. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5562/07/I 08/11/2007 Ittra minghand il-kumpanija Agricultural Co-operative Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li ghandhom il-bexx mehtieg u n-nies imharga sabiex japplikaw dan il-bexx bhal protezzjoni lil dawk is-sigar tal-Palm li ghadhom ma gewx infettati mill-insett Bumunqar Ahmar.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5562/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien diga ha hsieb li l-kuntratturi tal-Kunsill sabiex isir dan ix-xoghol. Il-kelliem qal li dan ix-xoghol ser isir fil-jiem li gejjien.

46/5566/07/I 08/11/2007 E-mail minghand is-Sinjura Netty Farrugia mill-Volksbank fejn informat lill-Kunsill li l-bank lest li jaghti sponsor ta' Lm300.00 ghall-basktijiet

tax-xoqqa li fihom ikun hemm inkluz il-logo tal-bank.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5566/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-basktijiet jitqassmu waqt l-open day ta' l-ufficini godda tal-Kunsill lil kull familja minn Pembroke li ser tattendi.

6.49. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5575/07/I 09/11/2007 Leaflet minghand il-kumpanija Clear Print fejn informaw lill-Kunsill bil-printing li jaghmlu fuq diversi affarijiet bhal t-shirts, biros, keychains, lighters u djarji.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5575/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu ordnati 150 flokk ( size Medium, Large u X Large ) bil-logo tal-Kunsill fuqhom sabiex jinghataw lit-tfal waqt attivitajiet tal-Kunsill.

6.52. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5592/07/I 12/11/2007 Ittra minghand is-Sinjura Anna Baldacchino li toqghod 3, Nanna's Flats, Triq Sant'Andrija fejn qed titlob l-ghajnuna tal-Kunsill minhabba grupp ta' zghazagh li qed ikun hemm fil-car park iz-zghir u l-ground five a side tal-Luxol ghax qed jitfghu affarjiet ta' l-ikel, gebel u affarijiet ohra lejn ir-residenti li joqghodu faccata tal-ground.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5592/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' din l-ittra ghandha tintbaghat lill-Pulizija.

6.55. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5596/07/I 12/11/2007 Ittra minghand is-Sur Hugh Colley minn Pembroke Town Council fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-kummenti sbieh li ta l-Kunsill lill-Kor Voices, kif ukoll informah li l-membri tal-Kunsill taghhom gibdu l-attenzjoni li huma ma kellhomx invit ufficjali sabiex jattendu ghac-cerimonja ta' l-iffirmar tal-partnership agreement ma' Cetinje Montenegro

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5596/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5597/07/I 012/11/2007 Ittra minghand is-Sur Hugh Colley minn Pembroke Town Council li b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward l-interess tal-kumpanija ta' l-ivjaggar Hamilton Travel, huma informaw lill-agenziji lokali b'din l-inizjattiva, izda d-decizjoni finali hija f'idejn l-agenziji stess.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5597/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li Hamilton Travel tkun infurmata b'dan u jekk tixtieqx li taghmel zjara ta' familjarizazzjoni gewwa Pembroke Wales, naturalment ghas-spejjez taghhom.

6.59. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5617/07/I 12/11/2007 E-mail minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill rigward il-laqgha tas-Sindki u Vici-Sindki li ser issir bejn it-30 ta' Novembru u l-1 ta' Dicembru 2007 gewwa l-Hotel Calypso, Ghawdex.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5617/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li peress li huwa mhux se ikun hawn Malta, il-vot tieghu kien ser jiddelegah lill-Vici Sindku Ray Mizzi.

46/5619/07/I 12/11/2007 E-mail minghand il-Kunsillier Ray Pace fejn b'riferenza ghall-e-mail tal-Kunsill rigward id-devoluzzjoni tat-Torri tal-Madlien, informa lill-Kunsill li ghadu kemm hareg mill-isptar u li hadd ma kien infurmah li kellu jaghmel laqghat rigward id-devoluzzjoni tat-Torri tal-Madlien.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5619/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li fl-laqgha xi xhur ilu l-Kunsill kien awtorizza lill-Kunsillier Ray Pace biex jiehu hsieb dan il-punt u jzomm kuntatt ma' min huwa nvolut.

46/5627/07/I 13/11/2007 Ittra minghand is-Sur Gail Hunter li huwa s-segretarju tal-Kor Voices fejn baghat ittra ta' ringrazzjament tal-Kor ghal waqt iz-zjara li ghamlu Malta.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5627/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5629/07/I 13/11/2007 E-mail minghand is-Sur Jason Grech fejn talab estenzjoni ta' tlett gimghat sabiex ikompli ix-xoghol ta' l-irrangar ta' l-Ufficcju tal-Kunsill.

46/5741/07/I 19/11/2007 Rapport minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn qed jiggustifika t-talba tal-Kuntrattur ghall-estenzjoni taz-zmien ghalkemm il-Perit irrakkomanda li l-estenzjoni ghandha tkun ta' gimghatejn u mhux tlett gimghat.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5629/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-talba ghall-estenzjoni ghandha tigi milqugha kif irrakkomandat mill-Perit tal-Kunsill u dan fid-dawl li kien hemm dewmien f'certu affarijiet ghalkemm jidher li se jkun sar kollox fil-hin u ghal dan il-ghan iz-zmien ghandu jigi estiz sal-5 ta' Dicembru fejn dakinhar kollox ghandu jkun tlesta mill-kuntrattur.

6.65. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5636/07/I 13/11/2007 E-mail minghand is-Sur Brian Grima mill-HSBC Bank Malta fejn informa lill-Kunsill li l-bank lest li jisponsorja it-tabelli kollha tal-Merhba.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5636/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg ittra ta' ringrazzjament lill-HSBC.

6.68. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5640/07/I 13/11/2007 E-mail minghand is-Sur Glenn Bugeja mill-Kampanja 34 U fejn talab il-Kunsill sabiex jinqata l-haxix li hemm fis-sit li nzerghu mill-YMCA u YWCA minhabba li ser jinzerghu iktar sigar li huma sponsorjati mill-HSBC.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5640/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li s-Sur Bugeja kien gie nfurmat li dan il-haxix kien inqata xi 4 t'ijiem qabel ma baghat l-ittra tieghu.

46/5641/07/I 13/11/2007 E-mail minghand is-Sur Alfred Degiorgio mill-Degymnastics Club fejn baghat kopja ta' poster li qed jissuggerixxi li jitqassam lir-residenti tal-lokal.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5641/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fil-laqgha li saret mas-sinjur flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli kien gie maqbul biex tintbaghat din il-forma t'applikazzjoni lir-residenti jekk il-Kunsill jaqbel.

6.72. Fid-dawl ta' dan il-Kunsiller Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva'.

6.73. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5662/07/I 14/11/2007 E-mail minghand il-Perita A. Testaferrata mis-sezzjoni ghall-Immanigjar tat-Traffiku fejn informat lill-Kunsill li qed jircievu lmenti rigward il-yellow lines li hemm quddiem il-hwienet tal-Granny's Bazaar u Ray's Green Grocer minhabba li dawn ma ghandhomx jitqiesu bhala garaxxijiet u b'hekk il-vetturi ghandhom jithallew jipparkjaw.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5662/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-ADT jigu nfurmati li mid-dokumenti li dawn fornew lill-Kunsill jidher li ghandhom permess biex f'parti tad-dar taghhom izommu karozza u kien ghalhekk li l-Kunsill ghamel dawn il-linji sofor. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandhom jigu nfurmati b'dan ir-residenti koncernati.

6.76. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5664/07/I 14/11/2007 E-mail minghand l-Ispettur Louise Calleja tal-Vice Squad fejn talbet laqgha mal-Kunsill.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5664/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Ispettur Louise Calleja li m'hemmx fuq x'hiex issir il-laqgha imma jekk tinhass il-htiega nikkomunikaw maghha aktar tard.

6.79. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5671/07/I 15/11/2007 Kopja t'e-mail li l-Avukat Luciano Busuttil ircieva minghand il-Kummissarju John Rizzo b'riferenza ghall-e-mail li kien baghat l-Avukat rigward l-investigazzjoni li qed isir fuq il-Kunsill, infurmah li ser jindaga mad-Dipartiment koncernat u ser jinfurmah bl-izvilluppi.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5671/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5674/07/I 15/11/2007 E-mail minghand is-Sur Aden Brinn li baghat kopja tal-programm taz-zjara tat-tim tar-Rugby li gej Malta f'Marzu 2008 u fejn nizzel xi punti li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb ghal waqt iz-zjara ta' dan it-tim.

6.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5674/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dawn l-attivitajiet kienu gew diskussi f'laqgha li saret ma' membri tal-Kunsill. Il-kelliem qal l'intant fil-parti fejn hemm talba biex jiltaqghu ma' nies distinti, il-kelliem

ippropona li jinkitbu l-ittri necessarji. Il-kelliem ippropona wkoll li s-Sur Aden Brinn ghandu jigi nfurmat li z-zjara taf tahbat matul kampanja jew elezzjoni generali kif ukoll ma' parlament gdid.

6.83. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5682/07/I
15/11/2007
E-mail minghand il-Perit Anton Camilleri mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar fejn informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2007 ser issir laqgha sabiex jigi diskuss id-dawl ta' Sit C, D u F.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5682/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li b'din il-laqgha ghandu jkun infurmat dak is-sinjur Inginier li b'mod volontarju hejja pjanti ghal dawl ta' din iz-zona kif ukoll l-Inginier li qed jiehu hsieb is-sistema ta' Sit F. Ninfurmaw b'dan lir-residenti koncernati halli jkunu aggornati ma' dak li qed jigri.

6.86. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5713/07/I
46/5714/07/I
19/11/2007
Kwotazzjoni minghand AS Supplies Limited ghall-provvista u twahhil ta' tabelli ndikattivi u nformattivi fil-bini tal-Kunsill.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5713/07/I u 46/5714/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni u jigu ordnati t-tabelli ndikattivi necessarji ghall-prezz ta' Lm 446.46.

6.89. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti fuq dan is-suggett.

***7.02. Fis-7.30 pm, il-Vici Sindku Ray Mizzi talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

7.03. Minhabba li ma kienx hemm quorum il-laqgha giet aggornata ghall-ghada t-Tlieta fil-5.30 pm bil-kontinwazzjoni ta' l-Agenda.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**

**Laqgha Numru 18/K5/2007 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Tkomplija tal-Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Ray Pace baghat e-mail fejn talab li jkun skuzat minhabba li huwa ndispost filwaqt li l-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkomunikaw mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ftit qabel bdiet il-laqgha biex jitolbu li jkunu skuzati minhabba li kienu ndisposti.

Peress li rega' ma kienx hemm quorum il-laqgha giet posposta ghal nhar il-Hamis 22 ta' Novembru 2007 fl-4.15 pm bil-kontinwazzjoni ta' l-agenda.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**

**Laqgha Numru 18/K5/2007 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Tkomplija tal-Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar il-Hamis 22 ta’ Novembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fl-4.15 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi baghat e-mail fejn talab li jigi skuzat filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat ma kkomunikawx mal-Kunsill u ghalhekk kienu assenti.

***Fid-dawl li diga kien hemm zewg okkazjonijiet fejn ma kienx hemm quorum, il-laqgha skond il-provvediment tal-ligi setghet titkompla fil-prezenza ta’ zewg membri tal-Kunsill biss.***

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda bit-tkomplija tal-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-13 ta’ Novembru 2007. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K5/2007.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K5/2007.**

**03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li fl-attivita’ tal-Milied kull anzjan bhas-sena l-ohra, jinghata flixkun inbid filwaqt li t-tfal jinghataw ktieb edukattiv.

8.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. B’riferenza ghax-xoghol ta’ tisbih li qed isir fil-bini amministrattiv tal-Kunsill is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-ftuh ufficjali ghandu jsir nhar il-Hadd 16 ta’ Dicembru 2007 fil-11.30 am fejn ghandhom jigu mistiedna r-residenti, l-MP’s tad-Distrett, l-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali Dr. Tonio Borg, Is-Shawdow Minister ghall-Gvern Lokali Dr. Chris Cardona u l-Ambaxxaturi li jigu

mistiedna s-soltu. Il-kelliem ippropona wkoll li jigi mistieden il-Kappillan Dun Rene' Vella sabiex ibierek il-post.

8.05. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.07. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli qal li kien avvicinat mill-kumpanija Buongusto Catering fejn dawn offrew li minghajr hlas jaghmlu xi ikel sabiex jitqassam f'din l-okkazjoni.

8.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li x-xoghol fuq il-gnien ta' St. Patrick's ghandu wkoll jigi nawgurat nhar il-Hadd 16 ta' Dicembru 2007 fl-10.00 am fejn jigu mistiedna l-istess nies ukoll li ser jigu mistiedna ghall-ftuh tal-Kunsill.

8.09. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.11. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li jsir poster sabiex jitqassam fid-djar tal-lokal dwar dawn iz-zewg okkazjonijiet.

8.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument J, K u L)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC fejn ippropona li dan il-kont m'ghandux jigi mhallas izda ghandha tinkiteb ittra lill-Onor. Ministru Austin Gatt fejn jigi nfurmat li l-Kunsill ma jistax ikun li jhallas ghall-konsum ta' dawn sabiex tiddawwal id-dawra ta' Sit B San Gorg. Il-kelliem ippropona wkoll li l-hlas lill-Kumpanija J & K Contractors, ghalkemm approvat, ghandu jintbaghat wara li l-Kunsill jircievi l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill.

9.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li kull ma kienu applikat ghal hosting ta' studenti minn Roccalumera kienu s-Sinjura Mary Salafia, is-Sur John Xuereb u s-Sinjura Natasha Grixti.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li titwahhal tabella ta' No Parking quddiem il-bring in sites li saru fi Triq Pietru Darmenia, minhabba li tal-Greenlines qed ikollhom diffikulta sabiex ibattlu l-iskips minhabba li qed ikun hemm vetturi pparkjati ezatt quddiem l-iskips.

10.03. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir patching fi Triq San Patrizju u fi Triq Burma hdejn San Giorgio Pharmacy.

10.06. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jkun hemm kontinwazzjoni tax-xoghol tal-gnien f'St. Patrick's billi jitqieghed pavimentar ikkulurit (ahmar, isfar u griz) fil-passaggi u turgien li jiffurmaw it-teatru tond. Il-kelliem qal li skond il-kuntrattur J&K Contractors l-ispiza ser tkun ta' madwar Lm 3,200.

10.09. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-impjegati klerikali tal-Kunsill b'effett mis-sena li gejja bejn il-15 ta' Gunju u l-ahhar ta' Settembru jahdmu bejn it-8.00 u s-2.00 pm. **(Ara dokument M)**

10.12. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.14. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli pprezenta ittra lill-Kunsill dwar in-nuqqas t'attendenza mill-laqghat tal-Kunsill mil-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat. **( Ara dokument N )**

10.15. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa jabqel ma' l-ispirtu tal-kliem li hemm fl-ittra.

10.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir patching bil-hot tarmak tal-parking area li hemm biswit l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill u dan sbaiex tkun kumplimentrai max-xoghol ta' tisbih u l-arrangament mill-gdid ta' l-ufficcju amministrattiv. Il-kelliem ippropona wkoll li din in-nefqa ghandha tinhareg mill-fondi tal-Kunsill u mhux mis-self li ttiehed sabiex jigi rrangat il-Kunsill.

10.17. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.19. Is-Sindku Joe Zammit qal l'illum kellu kuntatt telefoniku ma' rapprezentant ciniz li kien prezenti waqt laqgha ma' l-ex-ambaxxatur ciniz rigward 'partnership' agreement fil-qasam sportiv, kulturali u edukattiv ma' belt ta' Xang Xing (jekk ghidtu tajjeb l-isem). Il-kelliem qal li din ix-xewqa qed issir minhabba r-relazjoni tajba li tezisti bejn Pembroke u l-ambaxxata ciniza f'Malta kif ukoll rizultat tal-kuncert li sar b'risq il-35 sena mit-twaqqif tar-relazzjonijiet bejn Malta u c-China. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejjien ser jigi Malta rapprezentat ciniz li ser igib mieghu materjal rigward din il-belt kif ukoll draft agreement. Ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill ta' Pembroke jistabbilixxi din ir-relazzjoni.

10.20. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda din l-inizjattiva bil-kundizzjoni li z-zjara tkun koperat finanzjarjament minnaha ciniza jekk veru hemm dan l-interess.

10.21. Is-Sindku Joe Zammit qal li diga ghamilha cara li din ghandha tkun issussidjata minnaha tac-Cinizi.

10.22. Il-laqgha ntemmet fl-4.30 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru 2007 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |